FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 09 T'AWISSU 2017

Il-Pulizija
(Spett Luke Bonello)

vs

Angela Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 337077(m), akkuzata talli:

1. nhar it-30 ta' Lulju 2012 ghal habta ta' bejn 11.30am u 18.30pm gewwwa San Giljan, volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Ruth Scicluna fejn l-ammont tal-hsara huwa izjed minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu €1,164.69 u dan bi ksur ta artikolu 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ruth Scicluna u l-familja taghha ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Iikkonsidrat:

L-imputata tinsab akkuzata, li fit-30 ta' Lulju 2012 gewwa l-parkegg ta' Portomaso, San Giljan, ghamlet hsara fuq vettura proprjeta' ta' certa Ruth Scicluna, ammontanti din il-hsara ghall-ammont ta' circa €1200. Dwar din il-hsara jirrisulta bhala fatt li d-danni sofferti gew risarciti mis-socjeta' assikuratrici Elmo Insurance ghab-bazi tal-assikurazzjoni "comprehensive" li kienet tkopri l-vettura, Honda numru ta' registrazzjoni MOR239.

Ikkonsidrat:

Illi t-tahrika takkuza lill-imputata specifikatament li - volontarjament, hassret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli - ghad-detriment ta' Ruth Scicluna biss. Ma tispecifikax l-oggett passiv li sofriet l-hsara izda mill-atti processwali dan hu identifikabbli fil-karozza fuq imsemmija.

Jirrisulta pero', kemm mill-okkorrenza a folio 33 u mix-xhud rappresentanti s-socjeta' assikuratrici, li sid il-vettura hu certu Carmel Scicluna ta' karta ta' identita' numru 52237m, presumibilment zewg il-kwerelanta li kienet fil-pussess tal-vettura meta saret il-hsara fuqha.

Pero’, hu x’inhu l-kaz, m’hemm xejn mill-provi li anke cirkostanzjalment jistaw jinvolvu l-imputata bhala l-awtrici tar-reat meritu dina l-kawza lanqas mill-filmati li ttiehdu mis CCTVs esistenti fil-parkegg in kwistjoni.

Inghad dan u fin-nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputata minn kull htija u piena.

A.M.Trigona
Magistrat